MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 892/14LM

**Xuereb Bros. Limited (C-32854)**

***vs.***

**Kunsill Lokali Siġġiewi u b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014 ġie sostitwit bi Is-Sindku Dr Karol Aquilina (K.I. 516879M) u s-Segretarju Eżekuttiv Nikol Baldacchino (K.I. 704454M) għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Siġġiewi**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Xuereb Bros. Limited (C-32854)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fl-14 ta' Ottubru, 2014, u maħluf minn Noel Xuereb, fejn wara li ppremettiet is-segwenti, talbet lil din il-Qorti:

*Illi s-soċjetà rikorrenti kellha kuntratt ta' appalt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokal taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi;*

*Illi dan il-kuntratt ta' appalt, mirbuħ mis-soċjetà rikorrenti permezz ta' sejħa għall-offerti maħruġa mill-istess Kunsill intimat, kellu prezz inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, varjabbli li jiżdied matul iż-żmien bir-rati kif iddikjarati fl-istess sejħa għall-offerti;*

*Illi l-Kunsill Lokali intimat ħallas lis-soċjetà rikorrenti l-prezz fiss kif kien fl-ewwel sena tal-istess appalt għat-tul tad-durata tal-istess appalt;*

*Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti għandha tieħu l-bilanċ ta' tlettax-il elf u seba' mitt euro (€)13,500 mill-Kunsill intimat u dan stante li l-Kunsill intimat ħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' sebgħin elf euro (€)70,000 fis-sena kull sena, meta skont it-termini tal-offerta kif aċċettata mill-istess Kunsill, is-soċjetà rikorrenti kellha titħallas (€)72000 fit-tieni sena, (€)74500 fit-tielet sena u (€)77000 fir-raba' u l-aħħar sena;*

*Illi l-bilanċ ta' (€)13,500 favur is-soċjetà rikorrenti għadhom ma tħallsux mill-kunsill intimat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u dan minkejja li ġie debitament intimat li jagħmel dan permezz ta' ittra legali tal-14 ta' Novembru, 2013;*

*Għaldaqstant jgħid il-Kunsill intimat 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti Xuereb Bros. Limited fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro, bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti l-prezz ta' appalt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokal tas-Siġġiewi fuq talba tal-Kunsill stess.*

2. *Tordna lill-Kunsill Lokali Siġġiewi sabiex iħallas fi żmien qasir u perentorju lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-Kunsill Lokali Siġġiewi inġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' Dr Karol Aquilina u Nikol Baldacchino, Sindku u Segretarju Eżekuttiv rispettivament tal-konvenut **Kunsill Lokali Siġġiewi**, (minn issa 'l quddiem "il-Kunsill konvenut"), maħlufa minnhom:

1. *Illi fl-ewwel lok, huma s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li skont il-liġi jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali u għalhekk trid issir korrezzjoni fl-okkju ta' dawn l-atti;*

2. *Illi, in vena preliminari, hemm l-inkompetenza "ratione materiae" u dana stante skont klawsola numru 5 u 23 tat-"tender document" u tal-kuntratt bejn il-partijiet, hemm ġurisdizzjoni esklussiva tal-"Local Government Advisory Board" liema ftehim ġie ffirmat mill-partijiet odjerni;*

3. *Illi, fil-mertu, il-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti hija b'mod sħiħ infondata fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi l-Kunsill Lokali intimat ħallas kull "invoices" mibgħuta u kkonsenjata lilu mis-soċjetà rikorrenti u dan in linea ma' klawsola 4c tat-"tender document" u kuntratt iffirmat bejn il-partijiet (LCS29/09);*

5. *Illi l-Kunsill Lokali intimat wettaq l-obbligi tiegħu hekk kif miftiehma fit-"tender document" u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet;*

6. *Illi, fi kwalunkwe każ u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-ammonti reklamati mis-soċjetà rikorrenti mhumiex dovuti u huma eżorbitanti;*

7. *Illi fi kwalunkwe każ, il-Kunsill Lokali intimat m'għandux ibati spejjeż u imgħax stante li huwa ħallas kull "invoice" mibgħuta u dovuta lis-soċjetà rikorrenti;*

8. *Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif premessi mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti li hija u r-rappreżentanti tagħha minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat it-talba għall-korrezzjoni tal-okkju mitlub mis-soċjeta' attriċi, liema talba ġiet milqugħa a bażi tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-7 ta' Diċembru, 2015, fejn ġiet miċħuda t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill konvenut dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, stante li l-*Local Government Advisory Board* imsemmi fil-klawsola arbitrali tat-*tender document* ma jeżistix u l-klawsoli arbitrali huma għalhekk inoperattivi, nulli u bla effett.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti, inkluż it-*tender document* u l-kuntratt mertu ta' din il-kawża.[1]

[1] Dok. AA1 *a fol.* 14 sa 66 tal-proċess.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novemnru, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat li ħadd mill-partijiet ma għamel sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub minkejja li ngħataw il-fakultà li jagħmlu dan.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi s-soċjetà attriċi, kumpannija involuta fil-ġbir tal-iskart, kienet ilha għal madwar 13-il sena tipprovdi s-servizzi tagħha lill-konvenut Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u dan ai termini ta' kuntratti ta' appalt għall-ġbir tal-iskart fil-lokalitajiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Kunsill konvenut. L-aħħar *tender* mogħti mill-Kunsill konvenut li rebħet is-soċjetà attriċi kien dak li jkopri il-perjodu ta' erba' snin, mill-25 ta' Ottubru, 2009 sal-25 ta' Ottubru, 2013. Skont il-kuntratti li kellha qabel mal-Kunsill konvenut, is-soċjetà attriċi kienet tirċievi għas-servizzi tagħha ħlas bażiku fiss, li però ma kienx jiżdied minn sena għal oħra, tul il-perjodu kollu tal-kuntratt. Iżda fl-aħħar kuntratt[2] li huwa mertu ta' din il-kawża, ġie miftiehem li għall-ewwel sena s-soċjetà attriċi titħallas mill-Kunsill konvenut is-somma ta' €70,000, it-tieni sena €72,200, it-tielet sena €74,500 u l-aħħar sena €77,000 u dan kif jirriżulta mir-rati fl-istess kuntratt esebiti kemm mis-soċjetà attriċi kif ukoll mill-Kunsill konvenut.[3]

[2] *A fol.* 154 sa 184 tal-proċess esebit mis-soċjetà attriċi u dan jinsab ukoll esebit a *fol.* 14 sa 46 tal-proċess esebit mill-Kunsill Lokali konvenut, li ppreżenta wkoll it-*tender general conditions* li jinsabu esebiti *a fol.* 47 sa 66.
[3] *A fol.* 39 ippreżentat mill-Kunsill konvenut u esebit mis-soċjetà attriċi *a fol.* 18 bħala dok. NX2.

Illi tul il-perjodu kollu ta' dan l-aħħar kuntratt, is-soċjetà attriċi ħarġet *invoice* għall-ħlas ta' €70,000 fis-sena u l-Kunsill konvenut ħallas skont l-*invoices* rilaxxjati mis-soċjetà attriċi.

Illi f'Novembru tas-sena 2013, meta kien għalaq l-imsemmi kuntratt u s-soċjetà attriċi ma kinetx ingħażlet mill-Kunsill konvenut fil-proċess tat-*tendering* għas-snin ta' wara, din kitbet lill-Kunsill konvenut *tramite* l-avukat tagħha għall-bilanċ li skontha kien għad fadlilha tieħu u ċjoè ż-żidiet li kellha tieħu għas-snin 2010-2011, 2011-2012 u 2012-2013, ċjoè s-somma ta' €13,500, skont it-talbiet attriċi fir-Rikors Maħluf odjern.

**Provi u riżultanzi**

Illi jirriżulta mix-xhieda prodotti mill-kontendenti, u ċjoè ta' **Noel Xuereb**, *shareholder* tas-soċjetà attriċi u ta' **Nikol Baldacchino** u **Dr Karol Aquilina**, rispettivament Segretarju Eżekuttiv u Sindku tal-konvenut Kunsill tas-Siġġiewi, li m'hemmx kontestazzjoni dwar dawn il-fatti kif esposti.

Illi s-Segretarju Eżekukttiv tal-Kunsill konvenut **Nikol Baldacchino** meta xehed in subizzjoni[4], ikkonferma li dan il-kuntratt inkwistjoni kien l-ewwel wieħed li kellu b'din iż-żieda kull sena. Ikkonferma li s-soċjetà

[4] *A fol.* 186 sa 189 tal-proċess.

attriċi ma kellha ebda *default notices* u ma kien hemm ebda ilmenti dwar is-servizzi pprovduti minnha u dejjem tħallset regolarment. Jammetti li l-ammonti li kellha titħallas is-soċjetà attriċi kellhom ikunu dawk stipulati fil-kuntratt u fil-fatt jgħid li probabbilment il-kuntrattur (is-soċjetà attriċi) jew nesa jew żbalja, għax qabel ma kienx ikun hemm *staggering* minn sena għall-oħra, u dan baqa' jibgħat *invoices* bl-istess somma kull xahar mingħajr iż-żidiet stipulati għas-snin ta' wara. Nicholas Baldacchino xehed ukoll illi fix-xahar li kien ġie fi tmiemu l-aħħar kuntratt, is-soċjetà attriċi bagħtet il-kont għall-bilanċ rimanenti, u hu bħala Segretarju Eżekuttiv tella' dan il-kont quddiem il-Kunsill u fi kliemu jgħid li l-Kunsill ddeċieda li "aħna dejjem ħallasna skont l-*invoice* li rċivejna u allura, dik hija l-istorja." Illi sussegwentement Nikol Baldacchino[5] żied jgħid ukoll illi "Is-soċjetà Xuereb Bros. Ltd. qatt ma ilmentat miegħi li kien hemm xi ħlas bin-nieqes."

Illi s-Sindku tal-Kunsill konvenut **Dr Karol Aquilina** fix-xhieda tiegħu jaqbel mal-fatti fuq imsemmija u in kontroeżami[6] kkonferma li la kien hemm xogħol żejjed *(extra works)* mis-soċjetà attriċi għax kieku kienu jivverifikaw u lanqas xogħol nieqes mhux skont il-kuntratt għax il-Kunsill kellu *contracts manager* li jivverifika li x-xogħol dejjem isir skont il-kuntratt, ma nqabżux xi ġranet tal-ġbir tal-iskart u li kollox jiġi eżegwit kif suppost.

[5] *A fol.* 197 tal-proċess.
[6] *A fol.* 203 sa 209 tal-proċess.

**Fejn ma jaqblux il-kontendenti**

Filwaqt li **Noel Xuereb** għas-soċjetà attriċi qal in kontroeżami[7] li mhux hu kien joħroġ l-*invoices* kull xahar iżda l-Kunsill, kemm Nikol Baldacchino u Dr Karol Aquilina jgħidu li l-*invoices* kienu jirċevuhom mis-soċjetà attriċi. Din il-Qorti tifhem li l-istess xhud ma tantx fehem id-differenza bejn *invoice* u *statement* meta l-Qorti staqsietu dwar dan, però li jirriżulta żgur hu li l-*invoices* fl-aħħar tliet snin tal-kuntratt ma kinux jirriflettu b'mod preċiż il-ħlas dovut, ċjoè ma kinux jirriflettu ż-żidiet annwali stipulati fil-kuntratt. Nikol Baldacchino fix-xhieda tiegħu jgħid li probabbilment l-istess Noel Xuereb ma ndunax bl-iżball.[8]

Illi min-naħa tiegħu s-Sindku tal-Kunsill konvenut **Dr Karol Aquilina** insista li huma bħala kunsill ma setgħux iħallsu iktar minn kemm kien qed jitlob l-appaltatur kull xahar. Mistoqsi anki mill-Qorti kif ħadd mill-Kunsill ma nduna bid-diskrepanza, l-istess Sindku jgħid in kontroeżami li l-C*ontracts Manager* xogħlu kien biss li jiżgura li x-xogħlijiet kollha kienu qed isiru kif suppost inkella kien inaqqas l-ħlasijiet lill-kuntrattur (li mhux il-każ odjern), li s-Segretarju Eżekuttiv lanqas kien xogħolu u xogħol il-Kunsill kien li l-*invoices* ikunu *in line* mas-servizz. Meta ġie mistoqsi in kontroeżami jekk allura kuntrattur jitlob aktar milli kellu jitħallas, kif jindunaw ladarba fi kliemu ħadd mill-Kunsill ma kien jivverifika bidliet fil-kuntratt minn sena għal sena, l-istess xhud wieġeb li:

[7] *A fol.* 191 sa 194 tal-proċess.
[8] *A fol.* 187 tal-proċess.

> "Ovvjament wieħed jinduna għaliex jekk wieħed jaqbeż li jkun qed jitħallas fix-xhur ta' qabel, aħna mill-ewwel nindunaw għaliex ikun hemm il-*management accounts* u l-*accounts* ta' kull tliet xhur jiġu approvati mill-Kunsill. Jekk ikun hemm *spike* fihom wieħed mill-ewwel jinduna."

Imma l-Qorti hija tal-fehma illi biex kunsill ikun jaf x'għandu jħallas u x'qiegħed iħallas finalment l-ammonti mħallsa għandu jirrelatahom mhux mal-*invoices* u lanqas mal-*management accounts,* imma preċiżament mal-ammonti stipulati fil-kuntratti partikolari.

Illi dan l-istess xhud Dr Karol Aquilina kien spjega aktar qabel fix-xiehda tiegħu[9] b'riferiment għal żewġ klawsoli tal-kuntratt inkwistjoni, 4(c)[10] u 10[11], illi l-ewwel klawsola imsemmija kienet tobbliga lill-kuntrattur:

> "...li jippreżenta *invoice* li tgħid żewġ affarijiet prattikament. Ix-xogħol li hu kien għamel u kemm hu intitolat għalih f'dak ix-xahar partikolari u jekk il-Kunsill ikun qabbdu xi xogħol *extra*, għax ġieli jiġri li jkollna ċirkustanzi li nqabbdu lill-istess kuntrattur jagħmel xi xogħol ieħor, irid jiddikjara hemmhekk. A bażi ta' dik l-*invoice* tgħaddi imbagħad għand il-*Contract Manager* tagħna, jikkonferma li attwalment dak l-ammont huwa dovut u li huwa korrett, imbagħad tgħaddi fil-laqgħa tal-kunsill fejn jiġi approvat u jinħareġ il-pagament u jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv."

Illi għar-rigward tat-tieni klawsola msemmija, Dr Karol Aquilina jgħid illi[12]:

---

[9] *A fol.* 199 sa 203 tal-proċess.
[10] *A fol.* 19 u *a fol.* 127 tal-proċess.
[11] A *fol.* 51 tal-proċess li tagħmel parti mill-*general conditions of contract for services.*
[12] *A fol.* 201 tal-proċess.

> *"*F'kull kuntratt ikun hemm żewġ tipi ta' dokumenti. Ikun hemm dokument li huwa speċifiku għal dak is-servizz li ngħata mill-kuntrattur, f'dan il-każ il-ġbir tal-iskart u allura l-modalitajiet ta' kif isir il-ġbir, x'inhu s-servizz mistenni eċċ, imbagħad hemm dokument ieħor (hawn qed jirreferi għall artikolu 10 tal-*general conditions*) li huma l-*general conditions.* Dan huwa dokument li jirrelata kwalunkwe kuntratt ieħor, però irridu nsegwu dan ukoll u dan ukoll hemm miktub b'mod aktar speċifiku li fi żmien erbatax-il ġurnata wara kull xahar, il-kuntrattur obbligat jibgħat din l-*invoice, statement* biex ikun jista' jikkonferma kemm hu l-ammont dovut għalih u jingħad ukoll li jekk ikun għamel xi xogħol *extra* irid jippreżenta t-talba f'din l-*istatement* li imbagħad jitħallas *accordingly* tagħha."

Illi s-Sindku **Dr Karol Aquilina** spjega wkoll li l-kunsill hu suġġett għall-awditjar intern tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, li l-flus li jħallsu huma minn flus it-taxxa u allura l-Kunsill m'għandux id-diskrezzjoni li jaqbad u jħallas lil xi ħadd mhux skont dawn il-proċeduri.

Illi min-naħa tiegħu **Nikol Baldacchino**, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill konvenut meta mistoqsi jekk kienx hemm xi ħaġa fil-kuntratt li tgħidlek li jekk għandek titħallas u ma titħallasx f'xi sena, ma tistax titħallas wara tax-xogħol, l-istess xhud wieġeb illi ma jidhirlux, iżda huma dejjem ħallsu skond l-*invoice* li rċevew.

**Ikkunsidrat**

Jidher li il-*quantum* u l-kwalità tax-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi mhux qed jiġi kkontestat, anzi jirriżulta illi x-xogħol dejjem sar kif suppost. Is-

soċjetà attriċi talbet li, jekk ikun hemm bżonn, l-ammont dovut jiġi kkonstatat minn periti *nominandi*. Iżda ma hemmx il-ħtieġa ta' dan għax ix-xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi ma ġiex ikkontestat la fl-ammont, la fil-kwalità u lanqas fir-rati ta' kif kellu jitħallas.

Illi għar-rigward tal-livell ta' provi rikjesti mil-Liġi sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' talba għal ħlas, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jitnissel l-insenjament li ġej[13]:

"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (**Vol. XLVI.i.5**).

b. Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta' (**Vol. XXXVII.i.577**).

ċ. Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata,* u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat m'huwiex veru għax mhux ippruvat;

d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi

[13] App. Inf., 30.11.2011, **F Advertising Limited *vs.* Tano Farrugia *et*.**

li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu... .”

Illi fil-każ in eżami **Nikol Baldacchino**[14] s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill konvenut, jammetti li l-kuntratt kien jistipula żieda annwali fir-rati bażiċi li l-Kunsill konvenut kien obbligat iħallas lis-soċjetà attriċi. Baldacchino jammetti li l-kuntrattur kien effettivament beda jinvojsja ammont inqas milli kien dovut. Is-Segretarju Eżekuttiv induna b’dan in-nuqqas meta l-kuntrattur bagħat il-kont għall-bilanċ dovut.

Illi anki **Dr Karol Aquilina**,[15] is-Sindku tal-Kunsill konvenut, jafferma li ma kien hemm ebda kwistjoni li x-xogħol eżegwit ma kienx dak skont il-kuntratt. Afferma wkoll li kif jinħadmu l-*accounts* però kien diffiċli li huma jindunaw li kienu qegħdin jiġu invojsjati għal ammont inqas milli kien tassew dovut.

Illi qabelxejn din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi kien dovut. Il-Qorti trid issa għalhekk teżamina jekk dan l-ammont għadux illum dovut.

Illi għandu jiġi osservat illi ma tqajmet ebda eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni mill-Kunsill konvenut u fi kwalunkwe każ dan l-appalt jaqa’ taħt dawk l-operazzjonijiet kummerċjali li mhux speċifikament milquta bil-preskrizzjonijiet qosra u għalhekk hija applikabbli preskrizzjoni ta’

[14] *A fol.* 187 tal-proċess.
[15] *A fol.* 199 sa 209 tal-proċess.

ħames snin taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Peress li l-ewwel pagament kien dovut mhux qabel l-għeluq tal-ewwel sena tal-kuntratt u ċjoè żgur mhux qabel il-25 ta' Ottubru, 2010 u din il-kawża ġiet ppreżentata fl-14 ta' Ottubru, 2014, fi kwalunkwe każ din żgur li qatt ma setgħet tkun eċċezzjoni valida.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid teżamina l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-Kunsill konvenut għar-rigward tal-bilanċ reklamat mis-soċjetà attriċi. Il-Kunsill konvenut ma ressaq ebda provi in sostenn tas-sitt eċċezzjoni tiegħu li tgħid illi l-ammont reklamat hu eċċessiv. Il-Kunsill konvenut kien tenut li jġib dawn il-provi hu ladarba kien hu li qajjem din l-eċċezzjoni, u dan fid-dawl tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, illi min jallega irid jippova, *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[16] Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ma jistħoqilhiex li tiġi akkolta u għall-istess raġuni anki it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tiġi miċħuda.

Illi difiża oħra mressqa mill-Kunsill konvenut tidher li hija li ladarba s-soċjetà attriċi ma segwietx il-proċedura stabbilita għall-ħlas skont il-klawsola speċifika tal-kuntratt inkwistjoni, ċjoè klawsola 4 (ċ) u lanqas dik ġenerali ċjoè l-klawsola 10, dan ifisser li llum il-ħlas mhuwiex dovut. Minn dak li xehed is-Sindku u mir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-

[16] P.A., 31.05.1972, **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**; App. Inf., 02.05.1995, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**; u P.A., 19.01.2015, **Anthony Azzopardi *et. vs.* Lapsi Holdings Limited**.

Kunsill konvenut, din tidher li kienet il-linja difensjonali adottata mill-Kunsill konvenut

Klawsola 4(ċ) tal-kuntratt tgħid:

> *"(ċ) The Waste Carrier shall on a monthly basis, invoice the Local Council (or Group of Local Councils as determined through a written agreement between the Waste Carrier and the Group of Local Councils) for the services rendered under the said Contract. The Waste Carrier is to receive payment from the Local Council or Group of Local Councils within 30 (thirty) working days of presenting his invoice, which is to be duly signed and approved by the Contract Manager or the entity supervising the said Contract."*

Illi l-iskop ta' din il-klawsola evidentement huwa li tinżamm kontabilità kontinwa fir-rigward tal-ħlasijiet li jsiru vis-à-vis ix-xogħol li jkun għadu kif sar. Iżda ċertament din il-klawsola m'għandhiex il-funzjoni li tirrettifika żbalji ta' *invoicing* li jistgħu jsiru.

Illi mill-banda l-oħra klawsola 10 tal-kuntratt tgħid kif ġej:

> *"10. **Monthly Statement***
>
> *Within 14 days of each calender month the Contractor shall submit to the Council Representative a statement in writing hereinafter referred to as monthly statement showing to date:*
>
> *a. The Monthly Instalment; and*
>
> *b. The sum to which the Contractor considers himself entitled to or for any addition to or modification in the Service carried out by himself according to instructions made by the Local Council Representative."*

Illi fiċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża, m'hemmx kwistjoni ta' *extra works*, ta' xogħlijiet *extra,* iżda ta' xogħlijiet normali basiċi li ġew invosjati mill-kuntrattur inqas milli kien stipulat fil-kuntratt. **Dr Karol Aquilina**, is-Sindku tal-Kunsill konvenut fix-xiehda tiegħu enfasizza li huma ma jistgħux iħallsu jekk mhux skont il-proċeduri minħabba kwistjonijiet ta' kontabilità u minħabba li l-flus tal-Kunsill huma mit-taxxa ta' kulħadd. Filwaqt li l-Qorti tapprezza li kunsill lokali jimxi bi prudenza fl-infiq tiegħu u li jsegwi skrupolożament il-proċeduri applikabbli għall-finijiet ta' kontabbiltà, mill-banda l-oħra ma tistax tifhem kif flok tintuża t-teknoloġija tal-informatika bi *bring-ups* u *alerts* automatiċi fejn il-Kunsill ikun b'mod awtomatiku preavviżat kif l-impenji finanzjarji tiegħu jistgħu jinbidlu minn sena għal sena skont il-kuntratti li jkun daħal għalihom, bis-sistemi adoperati mill-Kunsill konvenut talbiet għall-ħlas inqas minn dak stipulat fil-kuntratt, il-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jinduna bihom jekk il-kuntrattur ikun ħa żball fl-*invoice.*

Illi *pacta sunt servanda*, il-kuntratti jorbtu lill-partijiet u għandhom jiġu interpretati *in buona fede:*

> "Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Prinċipju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti għall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa miġbur fl-Art. 993 tal-Kap.16 li jaqra hekk:
>
> > 'Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib

> magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita', bl-użu jew bil-liġi.'"[17]

Illi kif sewwa ġie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **F Advertising Limited *vs.* Francis u Antonia konjuġi Grixti**[18]:

> "Hi disposizzjoni espressa tal-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 992 (1), illi l-kuntratt hu liġi għall-partijiet kontraenti. Jinżel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-liġi, illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke għaliex "*pacta sunt servanda*", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruħu bil-volontà unilaterali ta' xi parti."

Illi fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni, mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot ."[19]

Illi il-klawsoli tal-kuntratt suċitat ma joħolqu ebda ostaklu sabiex isir il-ħlas tal-bilanċ reklamat mis-soċjetà attriċi għal servizzi li wara kollox ġew ipprestati minnha għas-sodisfazzjon tal-Kunsill konvenut u li ma kienux inklużi fl-*invoice* mibgħuta mis-soċjetà konvenuta minħabba żball ġenwin tagħha. L-iskop wara l-klawsoli invokati mill-Kunsill konvenut huwa aktar għal kontabbilità ikbar fl-infiq ta' fondi pubbliċi u żgur mhux biex tinħloq burokrazija li tista' xxekkel li jsir ħlas li fl-aħħar mill-aħħar kien dovut. Wara kollox **Nikol Baldacchino** s-Segretarju Eżekuttiv tal-

[17] P.A., 30.05.2002, **Spiteri vs Camilleri *et*;** Ara wkoll A.C., 25.06.1996, **Depares *noe. vs.* O'Dea *noe.***
[18] P.A., 25.02.2010.
[19] Vide A.S., 28.02.1997, **J. Zammit *vs.* Michael Zammit Tabone *et. noe.***

Kunsill konvenut hu stess stqarr illi ma jidhirlux li xi ħadd jista' ma jitħallasx għax ikun talab il-ħlas dovut sena wara li l-ammonti kienu dovuti. Għaldaqstant ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut qegħdin jiġu respinti.

Illi fl-aħħar nett fis-sebgħa eċċezzjoni tiegħu, il-Kunsill konvenut eċċepixxa li fi kwalunkwe każ huwa m'għandux ibati spejjeż ladarba dejjem ħallas kull *invoice* li ġiet mibgħuta u li kienet dovuta lis-soċjetà attriċi. Hija l-fehma tal-Qorti li lanqas din l-eċċezzjoni m'għandha tiġi milqugħa għas-sempliċi fatt li r-rappreżentanti tal-Kunsill konvenut stess ammettew li huma kienu avviċinati sabiex isir il-ħlas kif mitlub kemm mis-soċjetà attriċi kif ukoll b'ittra mill-avukat tas-soċjetà attriċi eżatt fix-xahar ta' wara li intemm l-kuntratt imma l-Kunsill konvenut baqa' inadempjenti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(i) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kunsill konvenut bħala mhux mistħoqqa;**

**(ii) Tiddikjara li l-Kunsill konvenut, huwa debitur tas-soċjetà attriċi Xuereb Bros. Limited fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro (€13,500), bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti l-prezz ta' appalt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokal tas-Siġġiewi;**

**(iii) Tordna lill-Kunsill konvenut sabiex fi żmien ġimagħtejn mil-lum iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro (€13,500).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali jibda jiddekorri mil-lum kontra l-Kunsill konvenut.**

Moqrija.